**Laqgha Numru 25/K6/2012**

**Introduzzjoni**

Il-Hamsa u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 13 ta' Gunju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava (li wasal fis-6.40pm) , il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat (li waslet fil-5.40pm) u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-6 ta' Gunju 2012. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2012.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2012.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2012.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2012.**

**05. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2012.**

**06. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2012.**

**07. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2012.**

**08. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2012.**

**09. Approvazzjoni tal-Minuti 24/K6/2012.**

**10. Punti li johorgu mill-Minuti 24/K6/2012.**

**11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**12. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**13. Mistoqsijiet.**

**14. Korrispondenza.**

**15. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**17. Rizoluzzjoni Specjali 05/2012 – Performance Bonus ta' l-impjegati.**

**18. Kwotazzjoni 30/2011 u 05 sa 23/2012.**

19. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**

20. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 20/K6/2012 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2012.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 6.01 fejn s-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-litter bins, li l-Kunsill ircieva minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, ghandhom jitwahhlu fuq il-bankina mill-haddiem assenjat mal-Kunsill mill-ETC, is-Sindku informa lill-Kunsill li wara spezzjoni fuq il-post irrizulta li jekk dawn jitwahhlu fuq il-bankina ser ikunu t'ostaklu u ghalhekk ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-J&K Contractors Limited sabiex malajr kemm jista' jkun isiru bazijiet tal-konkos kwadri daqs il-qiegh tal-kontenitur ezatt wara l-kurduna tal-bankina biex dawn jehlu fuqhom mill-istess kuntrattur (46/4201/12/I).

2.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tieni talba tal-Kunsill lill-Ministeru ghall-provvista t'aktar litter bins, ma gietx milqugha.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.02 u ghall-korrispondenza numru **46/3077/12/I** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza harga kulturali bl-ghajnuna u kollaborazzjoni ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn ghandhom iduru postijiet t'interess storiku, kif ukoll li d-dettalji meta ser issir l-attivita' ser jinghataw aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Joe Brincat, li tahtu jaqa' id-dikasteru ta' l-anzjani, jekk hasibx f'xi attivita' kif approva l-Kunsill.

2.06. Il-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li s'issa ghad ma gara xejn izda ser jitlob laqgha ma' l-Ghaqda Anzjani Pembroke dwar dan. Il-kelliem irrimarka li kull min jixtieq mill-Kunsill, jista' jghin.

***2.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat waslet fil-5.40pm.***

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.17 u ghall-korrispondenza numru **46/3156/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha b'urgenza mad-dirigenti ta' Arriva fuq l-ipparkjar ta' vetturi tal-linja antiki li qed jitpoggew fis-sit tal-Park & Ride, kif ukoll kien ippropona li jekk sa l-ahhar ta' Mejju 2012 ma jkunx hemm risposta konkreta minnaha ta' Arriva fuq dan, il-Kunsill jorganizza Press Conference fil-post, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li skond l-ahhar korrispondenza li rcieva l-Kunsill minghand l-Arriva, intqal li dawn qed jinbieghu u daqt jitnehhew kollha. Il-kelliem heggeg lill-Kunsill biex jiehu nota ta' din l-operazzjoni u jsegwi mill-qrib halli jaraw jekk dawn hux verament qed jitnehhew.

Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li r-residenti taz-zona ghandhom jigu nfurmata b'din l-infornazzjoni kif ukoll li l-Kunsill jaghti cans lill-Arriva sa l-ahhar ta' Gunju.

2.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkaw li s-sit qed jintuza ghal hafna abbuzi.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.30 u ghall-korrispondenza numru **46/3186/12/O** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiltaqa' ad hoc fuq dan is-suggett biex isiru numru / lista ta' kriterji li jkunu jistghu jigu applikati skond l-offerti partikulari, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghadu qed jistenna struzzjonijiet meta ser issir din il-laqgha.

2.13. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li din il-laqgha, jekk jista' jkun, ghandha ssir qabel jasal iz-zmien li jinhargu sejhiet ghal tenders godda.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.60 u ghall-korrispondenza numru **46/3306/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li fi Triq Pietru D'Armenia quddiem l-iskips tal-Bring in Sites ghandhom isiru tabelli li ma jistax isir parkegg kuljum bejn it-Tnejn u s-Sibt bejn it-8:00 u n-12:00, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara spezzjoni li saret mis-Segretarju Ezekuttiv u mill-Kunsillier Joe Brincat jirrizulta li dawn it-tabelli diga jezistu u ghalhekk m'hemmx il-htiega li jergghu jigu ordnata. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-hinijiet huma aqsar u ghalhekk ta' vantagg aktar ghar-residenti minhabba li huma bejn is-7.00am u l-10.30am u ghalhekk informa lill-Kunsill li ser jibqa' kollox kif qieghed.

2.15. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 10.117 u ghall-korrispondenza numru **46/3740/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li jidher li l-vot tal-Kunsill ma jippermettiex l-ispiza biex isir id-dawl kollu propost fi Triq Martin Luther King u ghalhekk kien ippropona li ghandha ssir spezzjoni tal-post halli jigi vverifikat fejn jistghu isiru lampi mal-hitan ta' l-iskejjel tal-madwar minflok m'arbli, is-Sindku Joe Zammit talab, biex jekk il-Kunsillieri jridu, jistghu jiltaqghu ghada l-Hamis fit-3.30pm u jmorru jzuru l-post biex jaraw fejn l-ahjar jehlu l-fanali, la darba l-Kunsill japprova l-proposta halli jkun jista' jintalab il-permess ta' l-Enemalta.

2.16. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 16.01 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza esebizzjoni artistika ta' skulturi ta' resident mill-lokal, esebizzjoni ta' gojjelli – semi precious stones ta' residenta mill-lokal, attivita' kulturali forma ta' mawra ghand is-sur Arnold Grech (Mellieha) li ghandu n-nahal u jipproduci l-ghasel, gurnata kulturali / edukattiva ghal Sqallija nhar is-Sibt 23 ta' Gunju 2012, attivita' forma ta' breakfast coffee morning taht ir-responsabbilita' taghha nhar l-1 ta' Gunju 2012 fejn jingabru stimi minghand id-Danish Village, Bay Street u xi kumpanija ohra, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-attivitajiet konnessa mal-Breakfast Coffee Morning u l-mawra edukattiva fi Sqallija gew ikkancellata minhabba li ghalkemm kienet ipproponiethom il-Kunsillier Vella Brincat, dawn jaqghu taht id-dikasteru tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli. Dwar l-attivitajiet l-ohra li huma edukattivi u kulturali, il-kelliem talab il-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat meta behsiebha li torganizzhom, jekk ghadha fil-hsieb.

2.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li kull attivita' l'issir fil-Kunsill, meta jinhareg xi poster u jitqassam fid-djar tal-lokal, dan ghandu jinhareg fuq isem il-Kunsill u mhux fuq id-dikasteri tal-membri tal-Kunsill kif kien qed isir bhalissa.

2.18. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.19. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

2.20. Il-mozzjoni giet approvata.

2.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat ghal din il-proposta minhabba li rrimarkat li dan gara wara li zewg attivitajiet li kienu kulturali gew imhassra minhabba li gew mitqiesa bhala socjali. Il-kelliema qalet li din hija ingustizzja nkluz kif irrimarkat li qed tigi trattata mis-Sindku Joe Zammit fuq it-telefon. Il-kelliema rrimarkat ukoll li l-PL jippritka mod u l-Kunsill ta' Pembroke jaghmel mod iehor apparti li rrimarkat li s-Sindku qed jaccetta proposti tal-Vici Sindku ghax jibza' minnhu. Il-kelliema rrimarkat ukoll li hija kienet ser tirritorna c-cwievet kollha tal-Kunsill minhabba li ma thossiex komda u ma tridx li jkollha xi konnessjoni ma' xi bieb tal-Kunsill.

2.22. Is-Sindku Joe Zammit oggezzjona ghall-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

2.23. Dwar l-attivitajiet li kienet ipproponiet, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li ser tinforma lill-persuni koncernata li l-Kunsill mhux interessat li jaghmilhom.

2.24. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat jekk hijiex ser tipprovdi l-informazzjoni relatata biex ikunu jistghu jsiru l-attivitajiet.

2.25. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li m'hiex komda tipprovdi din l-informazzjoni.

2.26. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 16.04 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li tintalab l-ghajnuna tal-Plant Troop AFM biex issir Open Day kif ukoll jigu organizzata zjarat f'impjant ta' l-RO lill-WSC, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa l-Kunsill ghad ma rcieva ebda konferma minghand l-AFM.

2.27. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li rigward l-open day fir-Reverse Osmosis il-Kunsill ircieva risposta pozittiva.

2.28. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 16.11 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li nhar Jum Pembroke, l-Erbgha 4 ta' Lulju, il-Kunsill ghandu jorganizza Lejla Maltija fejn l-ikel u xorb ikun provdut bi hlas, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill, li l-Kunsill ma rcieva ebda kwotazzjoni.

2.29. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2012 item 16.14 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill ghandu javvicina lill-Knisja dwar jekk jixtiequx li jipprovdu bar waqt l-attivita' bil-qligh imur kollu ghall-Knisja, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kappillan kien informa lill-Kunsill li dan ma kienx possibbli.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 21/K6/2012.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 21/K6/2012 kifipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

3.04. Il-Minuti gew approvata.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 21/K6/2012.

4.01. B'riferenza ghall-Minuti 21/K6/2012 item 1.01, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li ghal Jum Pembroke il-Kunsill jonora lill-iscouts il-godda ta' Pembroke Scouts bil-prezentazzjoni ta' lapel pin tal-lokal biex tintlibes ma' l-Uniformi, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li mill-informazzjoni li ghandu jirrizulta li hemm madwar 40 persuna li huma membri godda.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien gie deciz li jinghataw sa massimu ta' 20 minhabba li l-Kunsill kien haseb li hemm anqas minn dan in-numru. B'sorpriza l-Kunsill gie nfurmat li l-membri godda huma 40 u ghalhekk qed jirrakkomanda li dawn jinghataw.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jipprezenta lapel pin lil kull membru ta' l-iscouts ta' Pembroke.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 22/K6/2012.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 22/K6/2012 kif ipprezentati.

5.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

5.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

5.04. Il-Minuti gew approvata.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 22/K6/2012.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 07. Approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/2012.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 23/K6/2012 kif ipprezentati.

7.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

7.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

7.04. Il-Minuti gew approvata.

## 08. Punti li johorgu mill-Minuti 23/K6/2012.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 09. Approvazzjoni tal-Minuti 24/K6/2012.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 24/K6/2012 kif ipprezentati.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.04. Il-Minuti gew approvata.

## 10. Punti li johorgu mill-Minuti 24/K6/2012.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 19 u 17 jigu diskussa qabel il-kumplament ta' l-items ta' l-agenda minhabba li jista' jaghti l-kaz li jkollu bzonn jillarga qabel tmiem il-laqgha.

10.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 19. Approvazzjoni tal-kontijiet.

19.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezena l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok A, B u C)**

19.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr il-kont tal-J&K Contractors Ltd. minhabba li ghadu ma giex iccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

19.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

19.04. Il-kontijiet kollha gew approvata unanimament ghajr ghall-kont tas-sur Shawn Farrugia fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

19.05. Il-kontijiet gew approvata.

19.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat iddikjarat li ma ridhitx tiffirma l-iskeda ta' hlasijiet kif kien isir qabel, liema ffirmar kien isir fuq prassi li kien addotta l-Kunsill fil-passat.

## 17. Rizoluzzjoni Specjali 05/2012 – Performance Bonus ta' l-impjegati.

17.01. Is-Sindku Joe Zammit pprezenta rizoluzzjoni specjali 05/2012. **(Ara Dok D)** Il-kelliem ippropona li tigi diskussa l-mozzjoni.

17.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li dan ifisser li l-impjegati ghamlu x-xoghol kollu perfett u qatt ma saru zbalji fil-perjodu ndikat. Il-kelliema qalet li hija ma tipprovax tixtri l-istaff bil-Performance Bonus. Il-kelliema rrimarkat ukoll li hadd m'huwa mpekkabbli. Il-kelliema irrimarkat lejn is-Sindku Joe Zammit biex ma jixxuxajiex waqt id-diskussjoni.

17.04. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li kien qed jigbed l-attenzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghall-kummenti li kienet qed taghmel.

17.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rizoluzzjoni specjali kif ipprezentata biex tigi kkancellata d-decizjoni tal-Kunsill mehuda nhar l-Erbgha 28 ta' Dicembru 2011 f'laqgha riferenza 29/K6/2011 minhabba li kwazi ghaddew sitt xhur mir-rizoluzzjoni msemmija u hames xhur li d-Dipartiment baghat jistaqsi ghaliex il-Kunsill wasal ghal din id-decizjoni u sal-lum id-Dipartiment ghadu ma ha ebda decizjoni fuq dak deciz mill-Kunsill, u ghalhekk ihossu l'allura d-Dipartiment ma kienx sodisfatt ghal dak propost mill-Kunsill fil-laqgha msemmija kif ukoll li jidher li d-decizjoni mehuda setghet kienet mghaggla u ghalhekk is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jinghata l-Full Performonace Bonus jigifieri 10% kif ukoll li l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandhom jinghataw il-Full Performance Bonus jigifieri 6%. **(Ara Dok E, F u G)**

17.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

17.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li filwaqt li taqbel li jinghata l-Performance Bonus fl-istess waqt regghet irrimarkat li x-xoghol ma kienx impekkabbli.

17.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-Kunsill ghad-decizjoni mehuda.

## 11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 053/2012** b'rapport tal-ftuħ ta' Kwotazzjonijiet 05 sa 17/2012 **(Ara Dok H); Internal Memo 054/2012** b'rapport tal-laqgħa mal-Malta Polo Club **(Ara Dok I); Internal Memo 055/2012** b'rapport tal-laqgħa li saret ma' Zum Coop Ltd. (OSDDT & Medstrategy) **(Ara Dok J); Internal Memo 056/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' MIEMA **(Ara Dok K); Internal Memo 057/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Josie Brincat TM **(Ara Dok L); Internal Memo 058/2012** b'rapport tal-kwotazzjonijiet li ngabru dwar Buffet Breakfast **(Ara Dok M); Internal Memo 059/2012** b'rapport tal-kwotazzjonijiet li ngabru dwar Gurnata Sqallija **(Ara Dok N); Internal Memo 060/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Justin Attard **(Ara Dok O); Internal Memo 061/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Philip Galea ta' Bay Street **(Ara Dok P); Internal Memo 062/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Absolute Cleaners Ltd. u l-CM **(Ara Dok Q); Internal Memo 063/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Luxol Sports Club **(Ara Dok R); Internal Memo 064/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' MTA dwar il-progetti fil-lokal **(Ara Dok S); Internal Memo 065/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Perit Kevin Fsadni **(Ara Dok T); Internal**

**Memo 066/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' Absolute Cleaners Ltd. **(Ara Dok U); Internal Memo 067/2012** b'rapport tal-persuni interessata fil-Kors Stop Smoking **(Ara Dok V); Internal Memo 068/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Awtorita' tad-Djar **(Ara Dok W); Internal Memo 069/2012** b'rapport tal-ftuh ta' kwotazzjonijiet 18 sa 23/2012 **(Ara Dok X); Internal Memo 070/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 20/K6/2012 u 25/K6/2012 **(Ara Dok Y); Internal Memo 071/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 20/K6/2012 u 25/K6/2012 **(Ara Dok Z); Internal Memo 072/2012** b'rapport tal-laqgħa li saret ma' Zum Coop Ltd. (OSDDT & Medstrategy) **(Ara Dok ZA);** Kopja tad-dokumenti konnessa mal-kwotazzjonijiet 18 sa 23/2012 **(Ara Dok ZB);** Kopja ta' flyers dwar attivitajiet. **(Ara Dok ZC, ZD u ZE).**

11.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 054/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghal din il-laqgha attenda persuna wahda biss u ghalhekk l-interess mixtieq m'intweriex mir-residenti tal-lokal.

11.03. B'riferenza ghall-Internal Memo 056/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'din il-laqgha kien hemm talba biex Pembroke jiehu sehem ma' 5 Kunsilli ohra fil-konferenza gewwa Brussel fl-20/21 ta' Gunju li kif svolgew l-affarijiet ma seta' jattendi hadd. Il-kelliem qal li l-ewwel kien ser jattendi huwa bhala Sindku u l-Kunsillier Lauro Fava li ma setax; wara dan il-Kunsill gie nfurmat li tista' tattendi persuna wahda biss bhal Kunsilli l-ohra u allura kien se jmur is-Sindku biss; wara irrizulta li s-Sindku ma kienx jista' jattendi u allura giet mitluba l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li uriet ix-xewqa li tattendi tmur hija izda ukoll ma setghetx tattendi u ghalhekk fic-cirkustanzi ma seta' jattendi hadd. Il-kelliem irrimarka li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wkoll ma setax jattendi minhabba li ried jaghmel rikors il-Qorti flimkien ma' depozitu u l-Kunsillier Joe Brincat ukoll qal li ma setax jattendi.

11.04. B'riferenza ghall-Internal Memo 057/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser isir sforz biex is-sur Josie Brincat flimkien ma' rapprezentant tal-Pulizija jiltaqghu fuq il-post mar-resident li ghamel l-ilment halli jinghata sodisfazzjon tat-talba tieghu.

11.05. B'riferenza ghall-Internal Memo 058/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din thassret mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, li kienet ipproponitha fil-laqgha, l'izda li taqa' taht id-dikasteru tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

11.06. B'riferenza ghall-Internal Memo 059/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din thassret mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, li kienet ipproponitha fil-laqgha, l'izda li taqa' taht id-dikasteru tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

11.07. B'riferenza ghall-Internal Memo 060/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ghal din il-laqgha is-sur Justin Attard m'attendiex u allura l-proposta tas-sinjur waqghet.

11.08. B'riferenza ghall-Internal Memo 061/2012, is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir l-attivita' ta' Clean Up The World nhar is-Sibt l-30 ta' Gunju 2012 bhala parti mic-celebrazzjonijiet ta' Jum Pembroke kif suggerit fil-laqgha mas-Sur Galea.

11.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.11. B'riferenza ghall-Internal Memo 062/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara din il-laqgha kien hemm laqgha b'urgenza tal-Kunsill li trattat is-suggett imqajjem.

11.12. B'riferenza ghall-Internal Memo 063/2012, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza dan it-tornament internazzjonali bil-kollaborazzjoni tal-management tal-Luxol Sports Club kif ukoll tal-uzu tal-facilitajiet taghhom li gentilment offrew kif ukoll li jiehdu hsib l-organizzazzjoni tat-tornament. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jigu mistiedna ukoll il-pajjizi gemellati ma' Pembroke biex jiehdu sehem f'dan it-tornament li jsir f'Dicembru 2012. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona wkoll biex mill-vot tal-gemellagg tittiehed is-somma ta' €2,000 (elfejn ewro) biex tkopri il-hlas tar-referees, trofejs u xi hlas iehor relatat ma' din l-attivita'. Il-kelliem qal li kull partecipant ghandu jhallas huwa ghall-mawra f'Malta. Finalment il-kelliem ippropona li jekk jippartecipaw il-postijiet gemellati maghna, il-Kunsill ghandu jorganizza harga kulturali wahda matul il-jiem li jkunu Malta u tithallas mil-bqija tal-vot tal-Gemellagg.

11.13. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.14. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

11.15. Il-mozzjoni giet approvata.

11.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-astenzjoni taghha kienet marbuta mal-fatt li fix-xhur li ghaddew il-Kunsill kien qed jiddiskuti l-possibilita' li f'Settembru l-Kunsill jorganizza Tornament tal-Futbol f'Roccalumera u jittela' grupp mill-lokal.

11.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li Roccalumera ukoll ser jigu mistiedna biex jippartecipaw f'dan it-tornament f'Malta.

11.18. B'riferenza ghall-Internal Memo 064/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-Pembroke Garden ghaddej gmielu. Il-kelliem qal li saru diskussjonijiet fuq il-management tal-gnien u kjosk kif ukoll il-holqien ta' kumitat t'azzjoni/tmexxija tal-garigue park li l-Kunsill ta' Pembroke ser jaghmel parti minn dan il-kumitat.

11.19. B'riferenza ghall-Internal Memo 065/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li hemm xi xoghlijiet li mhux mehtiega jew prijorita' u li jekk isiru ser jinvolvu spejjez ghall-Kunsill bhal per ezempju pjanti u rapport kif ukoll xi xoghol mitlub li mhux car u li l-Kunsill irid jikkjarifika sewwa. Il-kelliem irrimarka li fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv baghat lista ta' works orders pendenti u l-Perit irrisponda u xtaq kjarifika fuqhom.

11.20. B'riferenza ghall-Internal Memo 066/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segertarju Ezekuttiv Kevin Borg flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli (ghal xi hin) u l-Kunsillier Joe Brincat ghamlu z-zjara mal-lokal flimkien ukoll mal-CM. Il-kelliem qal li sfortunatament, minhabba x-xoghol ma setax jattendi.

11.21. B'riferenza ghall-Internal Memo 067/2012, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill meta ser isir dan il-kors.

11.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dan il-kors isir fost il-gimgha fis-6.00pm meta ma jkunx hemm il-librerija pubblika miftuha.

11.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

11.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.25. B'riferenza ghall-Internal Memo 068/2012, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar qed tistudja l-kuncett jekk il-blokki jinghalqux u allura r-residenti lkoll flimkien jiehdu r-responsabbilta' taz-zamma u l-manutenzjoni tal-komun u zoni

ta' gewwa u li kif hemm imnizzel skond l-Awtorita' fil-kuntratt ta' bejgh jista' jinfurmaw dan jew li l-Kunsill jidhol bi ftehim ghal dan ma' l-Awtorita' izda ma tistax tiggarantixxi s-somma li jitlob il-Kunsill. Intant, il-kelliem irrimarka li fil-jiem li gejjien ser ikunu qed jiddiskutu dan kollu fil-laqgha tat-top management ta' l-Awtorita' u jinfurmaw lill-Kunsill x'inhi x-xewqa ta' l-Awtorita'.

## 12. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 11.

## 13. Mistoqsijiet.

13.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 14. Korrispondenza.

14.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-17 ta' Mejju u t-12 ta' Gunju 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3872/12/I** 17/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bis-sentenza ta' l-Appell 65/2006/15 – Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke.

14.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3872/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq dan il-kaz il-Kunsill talab il-parir ta' l-Avukat dwar jekk issa l-Kunsill jistax jaghmel uzu mis-servizz tas-Sur Mallia, fejn l-Avukat informa lill-Kunsill li l-process irid isir mill-gdid. Ghalhekk il-kelliem ippropona biex il-Kunsill, wara li jircievi d-dokument ta' l-offerti emendat mill-Perit, u wara li jigi approvat mill-Kunsill, johrog sejha gdida ghall-embellishment taz-zewg gonna Madre Teresa ta' Kalkutta u l-4 ta' Lulju. Il-kelliem ippropona wkoll li fejn ghad hemm apparat li skond il-Gvern huwa kkundannat, dan jigi nkluz fit-tender biex jitnehha mmedjatament kif ukoll li ghandhom jigu nfurmata r-residenti permezz ta' cirkulari ta' dan il-process kollu.

14.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

